— tieħu dawk ir-rimedji ġudizzjarji oħra skont kif teħtieġ il-ġustizzja.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball manifest fl-evalwazzjoni u żball ta' liġi bil-ksur tal-obbligi tal-Kummissjoni fl-ittrattar ta' lment billi jiġi evalwat b'mod żbaljat l-interess tal-Unjoni Ewropea relatat mat-tliet motivi kollha li tressqu mill-Kummissjoni.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u żball ta' liġi bil-ksur tal-obbligi tal-Kummissjoni fl-ittrattar ta' lment, b'mod partikolari fin-nuqqas li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kwistjonijiet rilevanti kollha ta' liġi u ta' fatt.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Frar 2015 – Jaguar Land Rover vs UASI – Nissan Jidosha KK (Land Glider)**

**(Kawża T-71/15)**

(2015/C 118/48)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Jaguar Land Rover Ltd (Coventry, ir-Renju Unit) (rappreżentant: R. Ingerl, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Nissan Jidosha KK (Yokohama-shi, Kanagawa-ken, il-Ġappun)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja verbali "Land Glider" – applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 8 324 196

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tad-9 ta' Diċembru 2014 fil-Każ R 1415/2013-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

---